TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Pamela Galea

vs

Cassar Airconditioning Systems

CCT 110/17/MS

11 ta' Dicembru 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-15 ta' Gunju 2017 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' disgha u sittin Euro (€69.00), kwantu ghal sittin Euro fuq heater tal-gas u disgha Euro spejjes, liema heater ma kienx qed jiffunzjona tajjeb.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata ipprezentata fit-22 ta' Settembru 2017 fejn eccepiet illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Filwaqt li kien minnu li r-rikorrenti xtrat heater minghand l-azjenda intmata u ukoll li kienet gabet dan il-heater ghat-tiswija peress illi bdew ifarfru l-plates, it-tiswija saret kif kellha tkun, il-plates inbiddlu u l-heater kien qed jiffunzjona kif suppost u kienet ir-rikorrenti li rrifjutat li tiehu lura l-heater.

Sema x-xhieda;
Ra l-atti kollha tal-process.

Ikkunsidra.

Illi skond ricevuta ezebita f'dawn l-atti, fis-7 ta' Jannar 2017, Joseph Galea xtara heater tal-gass mudell ALP128 ghall-prezz ta' sittin Euro (€60.00) minghand l-azjenda intimata. Skond ir-rikorrenti, xahrejn wara dan il-heater beda jfarfar u ghalhekk haditu lura ghand is-socjeta' rikorrenti li bidlula l-plates skond kif jidher fil-job card 76533 tat-13 ta' Marzu 2017. Meta ir-rikorrenti marret sabiex tigbor il-heater ma kenitx kuntenta bir-rizultat ghax qalet li xorta wahda kellha riha ta' gass. Regghet marret darb'ohra ghalih fil-25 ta' Marzu 2017 fejn is-sitwazzjoni baqghet l-istess u ghalhekk hallietu hemm.
Il-heater ghadu fil-pussess tal-azjenda intimata.

Illi min-naha l-ohra rapprezentant tal-azjenda intimata jghid li meta biddlu l-plates ta' dan il-heater, kollox kien qed jahdem kif suppost. Hallewh on test 24 siegha u baghtu ghar-rikorrenti biex tigi tigbru, izda meta giet irrifjutat li tiehu lura l-heater. L-ahhar spezzjoni saret fid-9 ta' Ottubru 2017 fejn instab illi l-heater kienet jahdem f'kundizzjoni perfetta.

Ikkunsidra

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet illi r-rikorrenti xtrat heater ghall-ammont ta' sittin Euro u wara xahrejn ittiehed lura ghand l-azjenda intimata peress illi bdew ifarfru l-plates. Dawn il-plates gew mibdula u l-heater kien qed jahdem b'mod normali. Ir-rikorrenti pero' qed tibqa' tinsisti illi anke wara dan l-intervent, il-heater kien qed jaghmel riha ta' gass. Sfortunatament ghar-rikorrenti, dana ma giex ippruvat peress illi l-kelma taghha giet ribattuta b'dik tar-rapprezentant tal-azjenda intimata, fejn qal li wara r-riparazzjoni, il-heater kien qed jahdem b'mod regolari. Dana kien konformi mal-kondizzjonijiet tal-garanzija fejn inghad illi jekk tinqala' xi problema dina tigi imsewwija, izda mhux li jinbidel l-oggett shih. Dan huwa car fic-certifikat li ighid: 'This guarantee covers replacement of spare parts and/or repair of the Gas Room Heater and not complete replacement or refund of money.'

Ghalhekk it-Tribunal ghandu zewg versjonijiet li t-tnejn jistghu ikunu veritjieri. Il-versjoni tal-azjenda intimata hija daqstant probabbli daqskemm hija probbabli l-versjoni tar-rikorrenti, li pero' t-Tribunal jirrileva li l-heaters tal-gass kollha xi ftit jew wisq ihallu xi riha. Dana huwa intrinsiku fis-sistema funzjonarja taghhom u ma jfissirx illi qed jahdmu hazin.

F'din is-sitwazzjoni it-Tribunal jidhirlu, kwindi, illi r-rikorrenti ma lahqitx dak il-grad ta' prova rikjesta mill-ligi biex ikollha success fl-istanza taghha u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi it-talba ma tistax tintlahaq.

Ghal dawn ir-ragunijiet tichad it-talba. Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**